



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2012/0190(COD)

20.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda Regolament (KE) Nru 443/2009 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira tal-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda tal-passiġġieri.

(COM(2012)0393 – C7-0184/2012 – 2012/0190(COD))

Rapporteur(*): Fiona Hall

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-11 ta' Lulju 2012 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex tirrevedi r-Regolament (KE) 443/2009 li jistabbilixxi l-qafas biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief sal-2020. Din ir-reviżjoni timplimenta l-modalitajiet meħtieġa li mingħajrhom l-oġġettiv ta' 95 gCO₂/km għat-tieni perjodu sal-2020 ma jstax ikun effettiv.

Il-modalitajiet huma aspetti tal-implimentazzjoni li jħallu impatt fuq kif jinkisbu l-miri tal-emissjonijiet. Il-proposta tal-Kummissjoni tħalli ħafna mill-modalitajiet mhux mibdula ħlief għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- bejn l-2020 u l-2023 jiġu introdotti superkrediti għal karożżi li jemmettu inqas minn 35 gCO₂/km b'multiplikatur ta' 1.3 u limitati għal ċifra kumulattiva ta' 20 000 vettura għal kull manifattur matul il-perjodu tal-iskema;
- Il-mira tad-deroga għal manifatturi speċjalizzati hija aġġornata għall-2020 u l-manifatturi responsabbli għal inqas minn 500 reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda tal-passiġġieri fis-sena huma esklużi mill-obbligu li jkollhom oġġettiv għas-CO₂.
- l-ekoinnovazzjonijiet meta tiġi implimentata proċedura riveduta ta' testjar jinżammu.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-proċedura tal-Kumitat huma aġġornati sabiex ikunu kompatibbli mat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-Rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon kbir ir-Regolament rivedut. Billi ħafna mill-manifatturi tal-karożżi huma fit-triq it-tajba biex fl-2015 u l-2020 jilhqgħu l-oġġettivi tagħhom tal-emissjonijiet tas-CO₂ miftiehma fl-2009, ma jkunx xieraq f'dan l-istadju, li jsiru tibdiliet estensivi għall-modalitajiet biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-2020 ta' 95 gCO₂/km. Madankollu, jifdal kwistjonijiet importanti li l-Kummissjoni ma tindirizzax b'mod adegwat fil-proposta tagħha.

Qasam importanti ta' tħassib huwa d-distakk dejjem jikber bejn l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura u l-emissjonijiet reali mill-karożżi ġodda tal-passiġġieri, li l-Kummissjoni tistma li huwa ta' bejn 15 % u 30 %. Din id-diskrepanza hija primarjament minħabba l-metodi li l-manifatturi tal-karożżi jużaw meta jkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂ skont il-proċedura attwali taċ-ċiklu ta' testjar. Huwa importanti li din id-diskrepanza tiġi indirizzata, mhux tal-anqas minħabba li t-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ jissarrfu direttament fl-iffrankar tal-fjuwil għall-konsumaturi u f'importazzjonijiet aktar baxxi taż-żejt.

Għaldaqstant ir-Rapporteur tixtieq li l-Kummissjoni tirrevedi, sal-2014, il-proċedura regolatorja ta' testjar tal-UE għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 715/2007 u l-miżuri implimentattivi tiegħu. Sa Jannar 2015 il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li taġġorna ċ-ċiklu ta' testjar tal-UE. Dan għandu jseħħ irrispettivament jekk il-Worldwide harmonized Light vehicles Test Procedure (WLTP) tal-UNECE tkunx finalizzata jew le, peress li l-ekonomija fl-użu tal-fjuwil hija fl-interess tal-konsumaturi Ewropej irrispettivament mill-progress internazzjonali. Il-proċeduri l-ġodda tal-WLTP imbagħad ikunu jistgħu jiġu inkorporati fil-qafas il-ġdid taċ-ċiklu ta' testjar tal-UE, filwaqt li l-oġġettivi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-manifatturi individwali tal-karożżi jkunu jistgħu jiġu aġġustati. L-alternattiva li l-ekoinnovazzjonijiet jitkejlu barra miċ-ċiklu ta' testjar m'għandhiex tinżamm meta ċ-ċiklu ta' testjar tal-UE jiġi aġġornat fl-2015.

In-nuqqas ta' viżjoni għal wara l-2020 jikkostitwixxi dgħufija fil-proposta tal-Kummissjoni. Filwaqt li jista' ma jkunx possibbli li wieħed ibassar it-triq eżatta tat-titjib teknoloġiku sal-2025, l-industrija tista' tibbenefika miċ-ċertezza ta' sinjal politiku ċar. Għaldaqstant, f'dan ir-Regolament, għandu jiġi ffissat objettiv għal-livelli tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2025. Dan l-objettiv jagħti lill-industrija biżżejjed żmien ta' tħejjija u jkun suġġett għal reviżjoni biex jiġi żgurat li jkun jista' jintlaħaq b'mod ekwu mil-lat soċjali u ekonomiku.

Fl-Istati Uniti diġà ġie ffissat objettiv għall-2025. L-objettiv tal-Istati Uniti jirrikjedi li l-manifatturi tal-karozzi inaqqsu l-konsum tal-fjuwil bin-nofs fil-medja tal-karozzi mibjugħin bejn l-2011 u l-2025. Peress li l-UE għandha tibqa' fuq quddiem fit-tiġrija dinjija għal vetturi aktar nodfa, hija għandha tadotta pass ta' titjib li jkun daqstant ambizzjuż. Tnaqqis ta' 50% fuq il-livelli tal-2011 ikun ifisser objettiv ta' anqas minn 70 gCO₂ għal kull kilometru. L-aktar strudju riċenti tal-AEA-Ricardo (dak tal-2012) jikkonkludi li objettiv ta' 70 gCO₂/km huwa l-aktar xieraq għall-2025 u jikkalkula li l-objettiv ta' 70 g jista' jintlaħaq sempliċiment jekk 7 % tal-vetturi jkunu vetturi b'emissjonijiet ferm baxxi u jekk madwar 20 % jkunu ibridi.

Objettiv ta' 70 gCO₂/km fl-2025 jiżgura li l-investimenti fl-iżvilupp ta' propulsuri alternattivi jkomplu u joħolqu aktar tkabbir u impjiegi b'għarfien teknoloġiku kbir fl-Ewropa. Skont McKinsey, sal-2030, bis-saħħa tal-hteġa li jiġu prodotti vetturi aktar effiċjenti fil-konsum tal-fjuwil, se jinħolqu 110 000 impjieg ġdid fil-produzzjoni u fir-riċerka u l-iżvilupp. Il-Kummissjoni għarfet il-merti li jintuża l-footprint minflok il-massa bħala l-parametru tal-utilità u jkun xieraq li jintgħażel l-impatt bħala l-parametru tal-utilità għall-objettiv tal-2025 u li l-manifatturi jitħallew jagħżlu bejn iż-żewġ parametri (il-massa u l-impatt) bejn l-2015 u l-2020.

Fl-aħħar nett ir-Rapportuer jipproponi li jiġi emendat l-artikolu li jirrigwarda s-superkrediti. Teżisti dgħufija fis-superkrediti minħabba l-fatt li, filwaqt li jinkuraġġixxu lill-manifatturi tal-karozzi jiproduċu aktar vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna, huma jippermettu wkoll lill-manifatturi jbigħu aktar karozzi li jniġġsu aktar, biex b'hekk idgħajfu l-objettiv tas-CO₂. Ir-rapporteur minflok tippromovi l-introduzzjoni ta' mandat flessibbli simili għall-mandat tal-vetturi b'użu baxx tal-karbonju f'Kalifornja. Dan iħaffef l-iżvilupp u l-użu ta' propulsjonijiet alternattivi bħall-batteriji tal-elettriku u ċ-ċelloli tal-fjuwil u jiżgura li jsiru investimenti adegwati f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ħafna. Jipprovdi wkoll inċentivi għall-pijunieri billi jtaffi l-objettivi medji tagħhom għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2025 filwaqt li fl-istess ħin jiżgura li l-manifatturi li jagħżlu li ma jikkontribwixxux għall-użu bikri tal-vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna, jagħmlu titjib ulterjuri għal-flotta konvenzjonali tagħhom lil hinn mill-2020.

Hemm bżonn issir ħidma mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jidentifikaw u jxerrdu l-aħjar Prattiki sabiex jistimulaw id-domanda għal vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna sabiex it-tkabbir b'saħħtu tal-bejgħ f'ċerti pajjiżi Ewropej jiġi riprodott fl-Istati Membri kollha.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jstieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1 **Proposta għal regolament**

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Jekk l-objettivi jinbidlu ta' spiss wisq, dan joħloq inċertezza għall-industrija tal-karozzi u jaffettwa l-kompetittività globali tagħha.

Emenda 2 **Proposta għal regolament**

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Huwa xieraq li jiġi ôċarat li għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-mira ta' 95gCO₂/km, l-emissjonijiet ta' CO₂ għandhom ikomplu jitkejlu skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-miżuri implimentattivi tiegħu u t-teknoloġiji innovattivi.

(2) Huwa xieraq li jiġi ôċarat li għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-mira ta' 95gCO₂/km, l-emissjonijiet ta' CO₂ għandhom ikomplu jitkejlu skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-miżuri implimentattivi tiegħu u t-teknoloġiji innovattivi. ***Madankollu, studji mwettqa mill-Kummissjoni wrew li l-proċeduri ta' ttestjar użati biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂ taħt dak ir-Regolament ma ostakolawx rikors akbar għall-flessibilità min-naħa tal-manifatturi li rriżulta fi tnaqqis allegat ta' emissjonijiet tas-CO₂ li mhux dovut għat-titjib teknoloġiku u li***

ma jistax jinkiseb taħt il-kundizzjonijiet reali ta' sewqan fit-toroq. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandu jiġi rivedut b'urġenza sabiex jiġi żgurati li l-proċeduri ta' ttestjar jirriflettu b'mod adegwat il-prestazzjoni reali tal-karozzi għal dak li jikkonċerna l-emissjonijiet tas-CO₂.

Emenda 3
Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Prezzijiet għoljin u li dejjem qegħdin jogħlew tal-karburanti fossili u b'mod partikolari taż-żejt huma ta' theddida għall-irkupru ekonomiku, is-sigurtà fl-enerġija u l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa. Xokkijiet relatati maż-żejt jistgħu jwasslu għal riċessjonijiet profondi, kompetittività mnaqqsa u żieda fil-qgħad. Għalhekk, it-tnaqqis fid-dipendenza tagħna fuq iż-żejt, iż-żieda fl-effiċjenza u s-sostenibbiltà ta' karozzi tal-passiġġieri u vannijiet ġodda huma prijorità.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) B'rikonossiment tal-ispejjeż għoljin tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-produzzjoni ta' unitajiet tal-ewwel ġenerazzjonijiet ta' vetturi b'livell baxx ħafna ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa xieraq li jitħaffef u jiġi ffaċilitat, fuq bażi interim u f'livell limitat, il-proċess ta' introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-Unjoni fl-istadji inizjali tagħhom ta'

(3) B'rikonossiment tal-ispejjeż għoljin tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-produzzjoni ta' unitajiet tal-ewwel ġenerazzjonijiet ta' vetturi b'livell baxx ħafna ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa xieraq li jitħaffef u jiġi ffaċilitat, fuq bażi interim u f'livell limitat, il-proċess ta' introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-Unjoni fl-istadji inizjali tagħhom ta' kummerċjalizzazzjoni. ***Il-Kummissjoni, l-***

kummerċjalizzazzjoni.

Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jaħdmu biex jidentifikaw u jxerrdu l-aħjar Prattiki sabiex jstimulaw id-domanda għal vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna sabiex ittkabbir b'saħħtu tal-bejgħ f'ċerti pajjiżi Ewropej jiġi riprodott fl-Istati Membri kollha.

Emenda 5 Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) B'rikonoxximent tal-impatti sproporzjonati fuq l-iżgħar manifatturi li jirriżultaw minn konformità ma' miri speċifiċi għall-emissjonijiet ddefiniti abbażi tal-utilità tal-vettura, mill-piż amministrattiv kbir tal-proċedura tad-deroga u vantaġġ li huwa biss marġinali f'termini ta' tnaqqis ta' CO₂ mill-vetturi li jinbiegħu minn dawn il-manifatturi, il-produtturi responsabbli annwalment għal inqas minn **500** karozza ġdida tal-passiġġieri huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mira speċifika għall-emissjonijiet u l-primjum għal eċċess ta' emissjonijiet

Emenda

(4) B'rikonoxximent tal-impatti sproporzjonati fuq l-iżgħar manifatturi li jirriżultaw minn konformità ma' miri speċifiċi għall-emissjonijiet ddefiniti abbażi tal-utilità tal-vettura, mill-piż amministrattiv kbir tal-proċedura tad-deroga u vantaġġ li huwa biss marġinali f'termini ta' tnaqqis ta' CO₂ mill-vetturi li jinbiegħu minn dawn il-manifatturi, il-produtturi responsabbli annwalment għal inqas minn **1000** karozza ġdida tal-passiġġieri huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mira speċifika għall-emissjonijiet u l-primjum għal eċċess ta' emissjonijiet

Ġustifikazzjoni

Manifatturi ta' volum żgħir ta' vetturi applikaw għal derogi permezz ta' proċess ikkumplikat li rrikjeda riżorsi sinifikanti, anki għall-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tiddikjara li dawn il-manifatturi għandhom impatt marġinali fuq il-klima. Barra minn hekk, il-limitu ta' 500 karozza jimpedixxi l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn il-kumpaniji żgħar, li x'aktarx ikunu aktar vijabbli finanzjarjament meta jipproduċu sa 1 000 karozza, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi ekonomika.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex l-industrija tal-karozzi tkun tista' twettaq investimenti u innovazzjoni fit-tul ikun tajjeb li jiġu pprovduti indikazzjonijiet **ta' kif dan ir-Regolament għandu jiġi emendat** għall-perjodu ta' wara l-2020. **Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-rata** meħtieġa ta' tnaqqis skont il-miri tal-Unjoni fit-tul għall-klima u **l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp** ta' teknoloġija kosteffikaċi li tnaqqas is-CO₂ għall-karozzi. Għalhekk ikun tajjeb **li jiġu riveduti dawn l-aspetti**, li l-Kummissjoni tagħmel rapport **u, jekk xieraq, li jsiru proposti għall-miri CO₂ ta' wara l-2020.**

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 7b (ġdida)

PE502.182v02-00

8/23

AD\930092MT.doc

Emenda

(7) Sabiex l-industrija tal-karozzi tkun tista' twettaq investimenti u innovazzjoni fit-tul ikun tajjeb li jiġu pprovduti indikazzjonijiet għall-perjodu ta' wara l-2020. **Dan għandu jsir billi tiffassal mira għall-2025 Dik il-mira għandha tkun ibbażata fuq ir-rata** meħtieġa ta' tnaqqis skont il-miri tal-Unjoni fit-tul għall-klima u **għandha ssaħħa l-iżvilupp** ta' teknoloġija kosteffikaċi li tnaqqas is-CO₂ għall-karozzi. Għalhekk ikun tajjeb li l-Kummissjoni tagħmel rapport **u tipproponi miri li jkunu konsistenti mar-rota kosteffettiva biex jintlaħqu l-miri fit-tul tal-Unjoni għall-2050 fir-rigward tal-klima u li jiżguraw it-tmexxija tal-Unjoni Ewropea fl-ekonomija tal-karburanti u l-emissjonijiet ta' CO₂. Ir-rapport għandu jqis l-emissjonijiet tas-CO₂ matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-karozzi (inklużi l-manifattura u t-tmien tal-ħajja).**

Emenda

(7a) B'rikonoxximent taż-żmien twil ta' riċerka u żvilupp meħtieġ mill-manifatturi u sabiex l-investituri tingħatalhom iċ-ċertezza li jeħtieġu, huwa importanti li tiġi stabbilita mira għall-2025.

(7b) Peress li informazzjoni korretta u vera dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-karburanti, li huma direttament relatati, hija essenzjali għall-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati, l-ikbar attenzjoni għandha tingħata għat-tbassir ta' dawn il-parametri. Madankollu, illum il-ġurnata, l-emissjonijiet effettivi ta' karozzi u vannijiet fit-toroq ivarjaw bil-kbir mill-valuri determinati fiċ-ċiklu ta' ttestjar użat attwalment. Għalhekk, jinħtieġ żvilupp rapidu ta' ċiklu ta' ttestjar imtejjeb.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Ir-Regolament jesiġi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex tirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar biex tirrefletti b'mod adegwat ir-rendiment reali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi. ***Din il-ħidma*** qed tipproċedi permezz tal-iżvilupp ta' proċedura ta' test dinji għall-vetturi ħfief (World Light Duty Test) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti iżda din għadha mhijiex kompluta. Fid-dawl ta' dan, ***l-Anness I*** tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jistabbilixxi limiti tal-emissjonijiet għall-2020 kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. ***Meta*** jiġu emendati ***l-proċeduri ta' testjar***, il-limiti stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati biex jiżguraw restrizzjonijiet komparabbli għall-manifatturi u l-klassijiet tal-vetturi.

Emenda

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 jesiġi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex tirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar biex tirrefletti b'mod adegwat ir-rendiment reali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi. ***L-implimentazzjoni attwali tal-proċedura regolatorja tal-Unjoni għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ qed twassal sabiex jiġu rreġistrati livelli aktar baxxi milli jseħħu fil-prestazzjoni reali tal-vetturi fuq it-triq. Il-proċeduri tal-kejl imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-miżuri implimentattivi tiegħu għaldaqstant***

jeħtieġ li jiġu emendati b'urġenza.

Ir-reviżjoni tal-proċeduri ta' testjar attwalment qed tipproċedi permezz tal-iżvilupp ta' proċedura ta' test dinji għall-vetturi ħfief (World Light Duty Test) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti iżda din għadha mhijiex kompluta. Fid-dawl ta' dan, *u minħabba li ċ-ċiklu ta' ttestjar eżistenti ma jirriflettix biżżejjed l-emissjonijiet effettivi ta' karozzi u vannijiet fit-toroq, l-iżvilupp rapidu ta' ċiklu ta' ttestjar mtejjeb huwa kruċjali. Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jippjanaw b'għarfien sħiħ tad-dispożizzjonijiet li magħhom jeħtieġ li jkunu konformi, il-proċedura ta' ttestjar fis-seħħ se tinżamm sakemm tinbidel mill-proċedura WLTP. Meta proċeduri attwali ta' ttestjar, stilupati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, li jistabbilixxi limiti tal-emissjonijiet għall-2020 kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fl-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008, jiġu emendati, il-limiti stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati biex jiżguraw restrizzjonijiet komparabbli għall-manifatturi u l-klassijiet tal-vetturi.*

Emenda 10 **Proposta għal regolament**

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta r-regoli dwar derogi minn miri speċifiċi għall-emissjonijiet, biex temenda r-rekwiżiti tad-dejta għall-fini ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO₂ u biex taġġusta l-formoli għall-kalkolu tal-

Emenda

(12) Is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta r-regoli dwar derogi minn miri speċifiċi għall-emissjonijiet, biex temenda r-rekwiżiti tad-dejta għall-fini ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO₂ u biex taġġusta l-formoli għall-kalkolu tal-

emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ fl-Anness I għal bidliet fil-valur tal-massa tal-vettura u fil-proċedura regolatorja ta' testjar għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ **msemnija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007**. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tal-ħidma ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Il-Kummissjoni vvalutat id-disponibbiltà ta' dejta dwar l-impronta u l-użu tagħha bħala parametru ta' utilità fil-formoli fl-Anness I. Din id-dejta hija disponibbli u l-użu potenzjali tagħha ġie vvalutat fil-valutazzjoni tal-impatt, abbażi ta' dik il-valutazzjoni ġie konkluż li l-parametru ta' utilità użat fil-formola għall-2020 għandu jkun il-massa. Madankollu, l-

emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ fl-Anness I għal bidliet fil-valur tal-massa tal-vettura u fil-proċedura regolatorja ta' ttestjar għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tal-ħidma ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(12a) Huwa xieraq li jiġi vvalutat il-bżonn li nitbiegħdu mill-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ u nbiddluhom f'miri ta' effiċjenza tal-karburanti, peress li l-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ ma jikkunsidrawx l-emissjonijiet dannużi mill-magni moderni ta' kombustjoni interna. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba sabiex tissottometti rapport dwar din il-kwistjoni.

Emenda

(14) Il-Kummissjoni vvalutat id-disponibbiltà ta' dejta dwar l-impronta u l-użu tagħha bħala parametru ta' utilità fil-formoli fl-Anness I **tar-Regolament (KE) Nru 443/2009**. Din id-dejta hija disponibbli u l-użu potenzjali tagħha ġie vvalutat fil-valutazzjoni tal-impatt. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni ġie konkluż li l-parametru ta' utilità użat fil-formola għall-

ispiża aktar baxxa u l-merti ta' bidla lejn impronta bħala parametru ta' utilità *għandhom jitqiesu f'analiżi futura.*

2020 għandu jkun il-massa, *peress li bidla fil-parametru tal-utilità ma jkunx jissodisfa l-objettiv ta' ċertezza fl-ippjanar minħabba li l-manifatturi diġà bdew il-perkors ta' konformità tagħhom sal-2020 abbażi tal-kontinwazzjoni tal-parametru kurrenti.* Madankollu, *minħabba* l-ispiża aktar baxxa u l-merti ta' bidla lejn impronta bħala parametru ta' utilità, *il-footprint tista' tintuża bħala parametru ta' utilità għall-miri tal-2025 u l-manifatturi jingħataw l-għażla li jużaw il-footprint mill-2020.*

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Mill-2020 'il quddiem, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ta' 95 g CO₂/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta tal-karozzi ġodda kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 *u l-miżuri implimentattivi tiegħu, u t-teknoloġiji innovattivi.*

Emenda

Mill-2020 'il quddiem, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ta' 95 g CO₂/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta tal-karozzi ġodda kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007, l-Annessi **III u XII** tar-Regolament (KE) Nru 692/2008, **ECE R83-06 u ECE R101, f'kull każ b'validità li tibqa' tiddekorri minn ...+.**

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Il-verżjoni tar-Regolament kurrenti Euro 6 (NEDC/ECE R83 u ECE R101) għandha tiġi aġġornata sabiex jiġi garantit l-istess livell ta' rigorożità tal-miri stabbiliti issa, indipendentement mill-bidliet previsti fil-proċeduri u ċiklu.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Artikolu 4, l-Artikolu 8(4)(b) u (c), l-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1)(a) u (c) ma għandhomx japplikaw għal manifattur li jkun responsabbli, flimkien mal-impriżi kollha assoċjati tiegħu, għal inqas minn **500** vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrati fl-UE fis-sena kalendarja preċedenti.

Emenda

4. L-Artikolu 4, l-Artikolu 8(4)(b) u (c), l-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1)(a) u (c) ma għandhomx japplikaw għal manifattur li jkun responsabbli, flimkien mal-impriżi kollha assoċjati tiegħu, għal inqas minn **1000** vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrati fl-UE fis-sena kalendarja preċedenti.

Ġustifikazzjoni

Manifatturi ta' volum żgħir ta' vetturi applikaw għal derogi permezz ta' proċess ikkumplikat li rrikjeda riżorsi sinifikanti, anki għall-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tiddikjara li dawn il-manifatturi għandhom impatt marġinali fuq il-klima. Barra minn hekk, il-limitu ta' 500 karozza jimpedixxi l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn il-kumpaniji żgħar, li x'aktarx ikunu aktar vijabbli finanzjarjament meta jipproduċu sa 1 000 karozza, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi ekonomika.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-Punt (f) tal-Artikolu 3(1) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(f) 'emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂' tfisser li l-emissjonijiet ta' CO₂ ta' karozza mhux kummerċjali mkejlin skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u speċifikati bħala l-emissjonijiet ta' massa ta' CO₂ (kombinati) fiċ-ċertifikat ta' konformità. Għal karożżi tal-passiġġieri li m'għandhomx approvazzjoni tat-tip konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007, "emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂" tfisser li l-emissjonijiet ta' CO₂ mkejla konformement mal-istess proċedura ta' kejl kif speċifikata għall-karożżi tal-

passiġġieri fir-Regolament (KE) Nru 692/2008, jew konformement mal-proċeduri adottati mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet ta' CO₂ għal dawn il-karozzi tal-passiġġieri; għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, kull emenda li tkun ġiet adottata fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 692/2008, kif ukoll fl-Istandards ECE R 83 u R 101, li jittieħdu bħala bażi u li jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013, jidħlu fis-seħħ biss b'effett mill-1 ta' Jannar 2021."

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂, kull karozza ġdida tal-passiġġieri b'emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ **ta'** inqas minn **35 g CO₂/km** għandha tiġi magħduda bħala **1.3** karozzi tal-passiġġieri fil-perjodu **mill-2020** sal-2023 u bħala karozza waħda tal-passiġġieri mill-2024 'il quddiem.

2. **L-għadd massimu ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li għandu jittqies fl-applikazzjoni tal-multiplikaturi stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-perjodu bejn l-2020 u l-2023 ma għandux jaqbeż l-20 000 reġistrazzjoni ġdida tal-karozzi tal-passiġġieri** għal kull manifattur."

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 6

Emenda

1. Fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂, kull karozza ġdida tal-passiġġieri b'emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ **li jkunu** inqas minn **50 g CO₂/km** għandha tiġi magħduda bħala **1.5** karozzi tal-passiġġieri fil-perjodu **mill-2016** sal-2023 u bħala karozza waħda tal-passiġġieri mill-2024 'il quddiem.

2. **Iż-żieda fil-mira tal-emissjonijiet** għal kull manifattur **derivanti mill-kalkoli tas-superkrediti għandha tinżamm taħt il-livell massimu ta' 2.5 g CO₂/km fis-sena.**

(4a) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi ddeterminata l-konformità ta' manifattur mal-mira speċifika ta' emissjonijiet tiegħu ta' CO₂ msemmija fl-Artikolu 4, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ ta' kull vettura li tista' taħdem b'karburanti alternattivi skont l-istandards tal-UE, għandhom jitnaqqsu b'5 % sal-31 ta' Diċembru 2015 b'rikonoxximent tal-potenzjal akbar f'termini ta' teknoloġiji innovattivi tal-karburanti u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, tal-bijokarburanti. Dan it-tnaqqis għandu japplika biss fejn mill-inqas 30% tal-pompi tal-karburant fl-Istat Membru li fih il-vettura kummerċjali ħafifa tkun irreġistrata jipprovdu dan it-tip ta' karburant alternattiv, inklużi l-bijokarburanti, li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni."

Ġustifikazzjoni

Il-bonus tat-tnaqqis ta' 5% f'emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ għandu japplika għall-karburanti alternattivi kollha, inklużi l-bioesteri u mhux biss il-bioetanol.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

(4b) Fl-Artikolu 8, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Meta, b'riżultat tal-verifika tal-konformità tal-produzzjoni, Stat Membru, skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2007/46/KE, jistabbilixxi li l-emissjonijiet

tas-CO₂ għal vettura tal-produzzjoni jvarjaw b'aktar minn 4 % mit-tip approvat, dik id-devjazzjoni għandha tiġi rrapportata lill-Kummissjoni flimkien mad-dejta dettaljata speċifikata fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

L-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għat-tip ta' vettura li għaliha ġiet stabbilita devjazzjoni għandhom jiġu aġġustati kif xieraq fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ fis-sena kalendarja ta' wara."

Emenda 19
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9

2009/443/EC

Artikolu 12 – paragrafu 2 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura biex jiġu approvati t-teknoloġiji innovattivi msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura biex jiġu approvati t-teknoloġiji innovattivi ***jew il-pakkett ta' teknoloġija innovattiva*** msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 20
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Fl-Artikolu 12, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Kunsill u lill-

Parlament dwar it-teknoloġiji innovattivi u l-pakketti teknoloġiċi innovattivi li ġew approvati u miċħuda.”

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 9b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 443/2009
Artikolu 12 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Fl-Artikolu 12, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4b. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2013, tlesti rieżami tad-dispożizzjonijiet implimentattivi għat-teknoloġiji innovattivi msemmija f'dan l-Artikolu bil-għan li l-proċeduri ta' applikazzjoni u approvazzjoni jiġu ssimplifikati, kif ikun il-każ"

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (KE) Nru 443/2009
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *Jitħassar it-tieni* subparagrafu tal-paragrafu 3

(b) *L-ewwel* subparagrafu tal-paragrafu 3 *huwa sostitwit b'li ġej:*

"3. Mill-2012, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex tirrevedi sal-2014, kif stipulat fl-Artikolu 14(3), tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, il-proċeduri biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' CO₂ skont dak ir-Regolament bl-għan li tiġi applikata proċedura riveduta tal-kejl hekk kif ikun fattibbli. Il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tagħmel proposti

xierqa biex tadatta dawk il-proċeduri biex jirriflettu adegwament l-imġieba reali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-vetturi u biex tinkludi t-teknoloġiji innovattivi approvati kif definiti fl-Artikoli 12 li jistgħu jiġu riflessi fiċ-ċiklu ta' ttestjar. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li sussegwentement dawk il-proċeduri jiġu riveduti b'mod regolari."

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 – punt ba (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Fl-Artikolu 13(3), is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara s-subparagrafu 2:

"Bl-għan li jiġi vverifikat li l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi tal-produzzjoni jikkonformaw mal-valuri tat-tip approvat, l-Istati Membri responsabbli għall-kontrolli fuq il-konformità tal-prodotti għandhom iwettqu awditu tal-valuri ta' reżistenza aerodinamika u r-reżistenza għall-irrolljar fuq kampjun rappreżentattiv tal-vetturi tal-produzzjoni, inklużi testijiet coast down, u jirrappurtaw kwalunkwe devjazzjoni mill-valuri tat-tip approvat b'konformità mal-Artikolu 8(4a)."

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 – sottopunt bb (ġdid)

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) Fl-Artikolu 13, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà li tissostitwixxi l-approċċ tal-ħruġ ta' duħħan, li bih jingħaddu biss l-emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-użu tal-karburanti, b'approċċ li jħares lejn iċ-ċiklu tal-ħajja, li jinkorpora l-emissjonijiet mill-istadji kollha tal-ħajja tal-vettura, mill-produzzjoni tal-materjal sar-rimi jew ir-riċiklaġġ fl-aħħar tal-ħajja."

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 – sottopunt c

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-miri speċifiċi għall-emissjonijiet, il-modalitajiet u aspetti oħra ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-miri għall-emissjonijiet ta' CO₂ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri **għall-perjodu ta' wara l-2020.**

Emenda

5. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-miri speċifiċi għall-emissjonijiet, il-modalitajiet u aspetti oħra ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-miri għall-emissjonijiet ta' CO₂ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri **għall-2025 u lil hinn. Tali miri għandhom ikunu konsistenti mar-rotta kosteffettiva biex jintlaħqu l-miri fit-tul tal-Unjoni għall-2050 fir-rigward tal-klima.**

Il-Kummissjoni għandha tevalwa:

a) abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt u tal-fattibilità teknika u ekonomika, il-modalitajiet biex tintlaħaq mira fuq żmien fit-tul sal-2025;

(b) l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-mira, inkluż il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi.

Abbażi ta' dik ir-reviżjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, li tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatt fuq l-industrija tal-vetturi u fuq l-industriji dipendenti minnha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tressaq proposta għal

emenda ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja, b'mod li jkun kemm jista' jkun newtrali mill-perspettiva tal-kompetizzjoni, u li jkun soċjalment ekwu u sostenibbli.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 – sottopunt d

Regolament (KE) Nru 443/2009

Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti *delegati* skont *l-Artikolu 14a* biex tadatta l-formoli fl-Anness I sabiex tkun riflessa kwalunkwe bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 692/2008 filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' restrizzjoni komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilità differenti jkunu meħtieġa taħt il-proċeduri ta' ttestjar il-qodma u l-ġodda.

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti *implimentattivi* skont *il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2)* biex tadatta l-formoli fl-Anness I sabiex tkun riflessa kwalunkwe bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 692/2008 filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' restrizzjoni komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilità differenti jkunu meħtieġa taħt il-proċeduri ta' testjar il-qodma u l-ġodda. "

Ġustifikazzjoni

Il-proposta attwali tagħti biss il-possibbiltà ta' kontroll ex post lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri. Peress li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u l-Kummissjoni hi fdata b'dan ir-rwol eżekuttiv, hemm bżomm ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni. Mill-perspettiva tal-industrija, l-Istati Membri jrid ikollhom sorveljanza fuq il-Kummissjoni. Għaldaqstant, għandha tapplika l-proċedura tal-kumitat rilevanti.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 12

Regolament (KE) Nru 443/2009

Article 14a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jiġu adattati atti delegati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), l-Artikolu 11(8), ***it-tielet*** subparagrafu tal-Artikolu 13(2) ***u l-Artikolu 13(7)***, għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni għal perjodu ***indeterminat*** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

2. Is-setgħa li jiġu adattati atti delegati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), l-Artikolu 11(8) ***u t-tielet*** subparagrafu tal-Artikolu 13(2), għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni għal perjodu ***ta' ħames snin*** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa l-aktar tard sa disa' xhur qabel l-aħħar tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod awtomatiku għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (KE) Nru 443/2009

Anness I – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Mill-2020:

Emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2 = 95 + a \times (M - M_0)$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M_0 = il-valur adottat skont l-Artikolu 13(2)

a = 0,0333.

Emenda

(c) Mill-2020:

Bil-għan li jiġu determinati 'l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 ' tal-flotta għandha tintuża waħda mill-formuli li ġejjin:

i) Emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2 = 95 + a \times (M - M_0)$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M_0 = il-valur adottat skont l-Artikolu 13(2)

a = 0,0333.

ii) ***Emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2 = 95 + b \times (F - F_0)$***

Fejn:

$F = \text{impronta tal-vettura } f \text{ metri kwadri}$
(m^2)

$F_0 = \text{il-valur adottat skont l-Artikolu 13(2)}$

$b = 60 \%$ inklinazzjoni tal-kurva tal-valuri
limitu.

PROĊEDURA

Titolu	Il-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn karożżi ġodda tal-passiġġieri	
Referenzi	COM(2012)0393 – C7-0184/2012 – 2012/0190(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.9.2012	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 11.9.2012	
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	17.1.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Fiona Hall 23.10.2012	
Eżami fil-kumitat	23.1.2013	20.2.2013
Data tal-adozzjoni	19.3.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 5 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierak, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hélin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Milošlav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Seán Kelly, Holger Krahmer, Bernd Lange, Werner Langen, Vladko Todorov Panayotov, Markus Pieper, Mario Pirillo, Vladimír Remek	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Oldřich Vlasák	

